Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 19 ta' Ġunju 2019
(OR. en, es)**

**Fajl Interistituzzjonali:
2010/0186(NLE)**

**9237/19
ADD 1**

**TRANS 328
RELEX 494**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Nru. dok. preċ.: | 9237/19 |
| Nru dok. Cion: | 10711/18 |
| Suġġett: | Proposta emendata għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim dwar l-Ispazju Komuni tal-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Georgia, min-naħa l-oħra<br>– Talba mill-Kunsill għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew<br>= dikjarazzjoni |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż dikjarazzjoni minn Spanja (flimkien ma' traduzzjoni ta' korteżija) li għandha tiddaħħal fil-minuti tal-laqgħa tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti u tal-Kunsill.

**ANNESS**

Spanja tiddikjara b'dan li l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni ma taffettwax il-pożizzjoni legali tagħha dwar it-tilwim dwar is-sovranità li jikkonċerna t-territorju fejn jinsab l-Ajruport ta' Ġibiltà. Spanja tinnota li fl-20 ta' Novembru 2012 infurmat lill-Kummissjoni li ma kinitx għadha tqis id-Dikjarazzjoni ta' Córdoba bħala fis-seħħ u għalhekk, minn dik id-data, ma baqgħetx tqis li kien aċċettabbli li tkompli tagħmel referenza għad-Dikjarazzjoni Ministerjali tat-18 ta' Settembru 2006 dwar l-Ajruport ta' Ġibiltà (Dikjarazzjoni ta' Córdoba) fil-leġislazzjoni tal-Unjoni Ewropea dwar l-avjazzjoni ċivili u għaldaqstant talbet ritorn għas-sitwazzjoni qabel it-18 ta' Settembru 2006 fi kwalunkwe proposta għal leġislazzjoni ġdida.